Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 49/2014AE

**Joseph Sammut**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi**

It-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015.

Il-Ministru tal-Finanzi appella minn sentenza *in parte* tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-14 ta' April 2015, li biha cahad it-tieni eccezzjoni li taqra:-

*"….. r-rikors promotur gie prezentat tardivament stante illi l-perjodu perentorju ta' wiehed u ghoxrin gurnata sabiex wiehed jappella ai termini tar-regolament 4(11) tar-Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif emendata bl-Avviz Legali 440 tas-sena 2013), ma giex osservat"*.

'Il fatti fil-qosor huma:-

i. B'ittra tal-4 ta' April 2014 mibghuta mit-*Transfer of Residence Exemption Board*, l-appellat gie nfurmat li ntlaqghet l-applikazzjoni tieghu sabiex jigi ezentat mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura Land Rover H937 JRX li gab mill-Ingilterra.
ii. B'ittra tat-22 ta' Mejju 2014, l-appellat gie nfurmat li d-decizjoni tal-Bord kienet thassret ghaliex kien irrizulta li l-vettura kienet taqa' taht kategorija li taghmilha soggetta ghall-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni. Fl-ittra jinghad li fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza kellu dritt li jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv.
iii. L-appellat appella quddiem it-Tribunal permezz ta' rikors li pprezenta fit-13 ta' Gunju 2014.

L-aggravji tal-appellant huma li:-

1. Id-data tad-decizjoni dwar l-applikazzjoni tal-appellat sabiex jigi ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetura Land Rover Discovery H937 JRX, kienet l-istess data meta d-decizjoni giet *uploaded* fuq il-*website* tal-Ministeru.
2. L-appellat fl-ebda stadju ma kkontesta li r-rikors li pprezent fit-Tribunal, kien gie pprezentat wara li ghalaq it-terminu kontemplat mil-

ligi sabiex jappella mid-decizjoni. Il-verifika setghet facilment issir billi wiehed jidhol fil-website tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri, tosserva:-

1. Skond Regolament 4(11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 [Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa ta' Registrazzjoni ta' Vetturi Bil-Mutur]:

   *"Applikant li jhossu aggravat b'decizjoni tal-Bord jista' jappella lit-Tribunal skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva fi zmien **wiehed u ghoxrin gurnata minn meta d-decizjoni tkun giet pubblikata kif provdut fis-subregola (7)**".*

   Imbaghad subregola (7) tipprovdi:-

   *"Applikazzjoni taht din ir-regola ghandha tigi processata u deciza mill-Bord u d-decizjoni tal-Bord ghandha tigi pubblikata fuq il-website tal-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi. Il-Bord ghandu wkoll jibghat kopja ta' dik id-decizjoni bil-posta registrata lill-applikant fl-indirizz specifikat fl-applikazzjoni, u fejn provdut, ukoll b'ezzi elettronici".*

2. L-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar id-data meta d-decizjoni giet:

(a) pubblikata fil-*website* tal-Ministeru.
(b) notifikata lill-appellat.

   L-oneru tal-prova kien fuq l-appellant gialadarba l-eccezzjoni kienet tieghu. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellant li l-appellat kien ammetta li l-appell li ppropona quddiem it-Tribunal kien tardiv.

3. L-appellant irrefera ghal dak li qalet id-difensur tal-appellat waqt it-trattazzjoni quddiem it-Tribunal[1], in sostenn tat-tezi li l-appellant kien ammetta li l-appell kien tardiv. Dak li jinghad fit-trattazzjoni, li ssir wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, m'huwiex prova. Li jirrizulta mill-atti hu li l-appell gie prezentat 22 gurnata wara d-decizjoni tal-Bord. Apparti li l-parti l-kbira tat-trattazzjoni tad-difensur tal-appellat ma kellha x'taqsam xejn mat-tieni eccezzjoni, hu veru li waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellat ipprovat tiggustifika ghalfejn l-appellat kien ipprezenta l-appell 22 gurnata wara d-decizjoni. Id-difensur tal-appellat stiednet lit-Tribunal biex jikkunsidra 'l fatt li f'dak iz-zmien l-appellat kien qieghed l-Ingilterra ghall-kura; *"Pero nixtieq u nitlob illi dan it-Tribunal jikkunsidra dawn 'il fattispecjie, dawn ic-cirkostanzi umani li hadd ma seta' jirravvizahom. Qatt ma kien previst x'kien ser jigrilu s-*

[1] Seduta tal-24 ta' Frar 2015: *"Meta waqa' u wegga', kellu jigi rikoverat l-isptar, allura kien qieghed jintilef ukoll il-hin. Prova jikkomunika kemm jista' jkun mar-ragel tal-mara tieghu, kounikazzjoni mhux dejjem meta persuna tkun qieghda l-isptar tkun ottima, allura jintilef il-hin, **u giet ipprezentata l-kawza l-ghada**".*

*Sur Sammut, li kien ser jaqa' u jwegga'"*. Ragunament li fejn jitratta ta' terminu li fih ghandu jsir appell, ma jregix. Terminu bhal dak ma jistax jigi estiz minn Tribunal jew qorti, ghaliex perentorju. Inoltre, il-ligi ma tipprovdix li t-terminu jiddekkorri mid-data tad-decizjoni kif erronjament dikjarat fl-ittra tat-22 ta' Mejju 2014 li ntbaghatet mic-Chairman tal-Bord (fol. 6)[2].

4. Fir-rikors tal-appell jinghad li facilment seta' jigi verifikat, mill-*website* tal-Ministeru, id-data meta d-decizjoni giet pubblikata. Il-provi jressquhom il-partijiet. Tribunal jew qorti irid jiddeciedi fuq il-provi li hemm fl-atti u mhux joqghod ifittex ghall-provi billi minn jeddu jaghmel ricerka fuq l-internet. Dan m'huwiex il-mod kif tigi amministrata l-gustizzja.

5. Il-qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ghamel applikazzjoni korretta tal-ligi u l-appell tal-appellant hu bla bazi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal sabiex ikompli bis-smiegh tal-kaz**.

Anthony Ellul.

[2] Fl-ittra jinghad: *"You have the right to appeal from this decision, **within 21 days from the date of this decision**, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act"* (enfazi mizjuda).